MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 428/2014

**Joseph u Carmen konjugi Gaffarena**

**-VS-**

**Mixer Limited (C9942) u b'digriet tas-27 t'Ottubru 1999**
**gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena**
**u b'digriet tal-15 ta'Marzu 2000 il-Qorti**
**rrevokat 'contrario imperio' d-digiret fejn gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph u Carmen konjugi Gaffarena tas-19 ta' Mejju, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tas-26 ta'April 2000 fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi (Citazzjoni numru 1199/1999GV), liema sentenza giet ikkonfermata minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-15 ta' April 2004, l-esponenti gew kanonizzati kredituri tas-socjeti Mixer Limited fis-somma ta' dakinhar ta'*

*mitejn u hamsin elf lira Maltija (LM 250,000) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin elf tlett mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€582,343.35) oltre l-imghax u l-ispejjes.*

*Illi peress illi ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta nghatat is-sentenza hawn fuq indikata u ghalhekk dik is-sentenza llum m'ghadhiex aktar ezegwibbli u a tenur tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12, l-esponenti jixtiequ li jergghu jrendu s-sentenza taghhom ezegwibbli.*

*llli l-esponenti jiddikjaraw illi mid-data tas-sentenza sallum, huma ghadhom ma thallsu xejn mis-somma lilhom dovuta minghand is-socjeti intimata u ghalhekk l- ammont kollu ghadu dovut.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti toghgobha tiddikjara illi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tas-26 ta' April 2000 (Citazzjoni numru 1199/1999GV) fl-ismijiet fuq premessi fejn l-esponenti gew kanonizzati kredituri tas-socjeti Mixer Limited fis-somma ta' dakinhar ta' elfejn u hamsin elf lira Maltija (LM250,000) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin elf tlett mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€582,343.35) oltre l-imghax u l-ispeiies, qed terga' tigi reza ezegwibbli ai finijiet u effetti kollha tal-ligi'"*

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta'intimata skond il-ligi;

**Ikkonsidrat:**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-Art.258 tal-Kap.12.

Jirrizulta li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament fis-26 t'April 2000 fil-kawza fl-ismijiet *"Joseph u Carmen konjugi Gaffarena-VS- Mixer Limited (C9942) u b'digriet tas-27 t'Ottubru 1999 gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena u b'digriet tal-15 ta'Marzu 2000 il-Qorti rrevokat 'contrario imperio' d-digiret fejn gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena "* (Citazzjoni numru 1199/1999GV) u kif konfermata fis-16 t'April 2004

mill-Qorti tal-Appell ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-Art.253(a) tal-Kap.12.

Jirrizulta li din is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal-Art.258(a) tal-Kap.12.

Din il-Qorti rat illi r-rikorrenti ottemperaw ruhhom ukoll ma` dak li jipprovdi l-bqija tal-Art.258 tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrenti u tordna l-esekuzzjoni mill-gdid tas-sentenza datata 26 t'April 2000 fil-kawza fl-ismijiet *" Joseph u Carmen konjugi Gaffarena-VS- Mixer Limited (C9942) u b'digriet tas-27 t'Ottubru 1999 gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena u b'digriet tal-15 ta'Marzu 2000 il-Qorti rrevokat 'contrario imperio' d-digiret fejn gie kjamat in kawza Emanuel Gaffarena "* (Citazzjoni numru 1199/1999GV) u kif konfermata fis-16 t'April 2004 mill-Qorti tal-Appell.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta'intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------